**Is-Segretarju Parlamentari l-Onor George Pullicino ressaq din l-Emenda “A”:-**

B’riferenza għall-kuntratti referiti fid-Dokument “F” fil-paragrafu (I) tiegħu:

a. fil-kuntratt propost li jinsab mal-partita 4 relattiv għal Birzebbugia Sports Club, fl–aħħar paragrafu ta’ l–ewwel paġna li jibda “Bis–saħħa ta’ dan l-att” u jispiċċa bil-kliem “għall–pubbliku”, minflok il–kliem “eskluż minn dan il–bejgħ” għandhom jidħlu l–kliem “eskluż minn dina l-Konċessjoni”;

b. fil-kuntratt propost li jinsab mal-partita 21 relattiv għal Qormi Hockey Club, fil-paragrafu 4, ta’ l-ewwel paġna li jibda bil-kliem “Bis-saħħa ta’ dan l-att” u jispiċċa bil-kliem “irjieħ verjuri”, wara l-kliem “irjieħ verjuri” għandhom jidħlu l-kliem “Eskluża minn dina l-konċessjoni hemm mina li tiġi taħt l-art konċessa u li tagħti għall–iskola Primarija San Bastjan u hekk kif tidher aħjar fuq il–pjanta annessa ma’ dana l-att.”; u

c. fil–kuntratt propost li jinsab mal-partita 22 relattiv għal Isla Boċċi Club, fil-paragrafu ta’ l-ewwel paġna li jibda “Bis–saħħa ta’ dan l-att” u jispiċċa bil-kliem “Dokument X” wara l-kliem “Dokument X” għandhom jidħlu l-kliem “L-immobbli konċessa hija sovrastanti proprjeta’ tal–Gvern li ma hiex inkluża f’dina l-konċessjoni”.

L-Emenda “A” għaddiet nem.con.

**Is-Segretarju Parlamentari l-Onor George Pullicino ressaq din l-emenda “B":**

B’riferenza għall-kuntratt referit fid-Dokument “F” paragrafu (I) li jinsab mal-partita 1 relattiv għal “The Scout Association of Malta”:

(a) fit-tielet paragrafu ta’ l-ewwel paġna u kull fejn hemm fil-kuntratt l-isem tal-enfitewta “Scouts Association” jiġi sostitwit bil-kliem “The Scout Association of Malta”.

(b) fi klawsola 4 wara l-kliem “natura prinċipali” fil-ħames linja jiżdied il-kliem sussegwenti “L-enfitewta jista’ jagħmel faċilitajiet ta’ *camping site* ta’ livell internazzjonali kemm għall-użu minn *scouts* kif ukoll minn individwi li ma humiex *scouts* bil-kundizzjoni li l-istess faċilita’ ta’ kkampjar taħt it-tined tibqa’ tiġi operata u tibqa’ taħt ir-responsabilita’ ta’ l-iScouts Association of Malta.”;

(c) fi klawsola 9 il-kliem minn “il-proprjeta’” sa “sigurta’” jiġu sostitwiti bil-kliem “Il-proprjeta’ tkun għall-użu tal-fergħat kollha lokali ta' l-iScout Association of Malta kif ukoll għaż-żjarat fil-ħinijiet ta’ l-iskola għat-tfal ta’ l-iskola, bla ħlas ħlief għal servizzi provduti ta’ tindif u sigurta’.”;

(d) fi klawsola 11, il-kliem “kull persuna inkarigata” għandhom ikunu sostitwiti bil-kliem “kull persuna awtorizzata mill-istess Ministru jew Segretarju Parlamentari. F’kull każ din l-ispezzjoni għandha ssir fil-preżenza ta’ uffiċjal inkarigat ta’ l-iScout Association of Malta.”;

(e) fl-aħħar ta’ klawsola 12 tiddaħħal sentenza “Id-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni u s-Segretarjat Parlamentari responsabbli miż-żgħażagħ ikollhom id-dritt li jagħmlu użu jew jorganizzaw attivitajiet fl-immobbli konċess kontra ħlas li jkopri biss l-ispejjeż involuti. Dan isir bi pre avviż minn qabel ta’ mhux anqas minn sitt (6) ġimgħat sakemm ma jkunx hemm qbil xorta oħra bejn il-partijiet.”;

(f) fi klawsola 13, il-kliem “is-sena elfejn” fit-tielet linja jkunu sostitwiti bil-kliem “sa mhux aktar tard minn sentejn wara li jkunu tlestew il-benefikati permanenti fi klawsola erbgħa (4) ta’ dan l-att.”;

(g) klawsola 18 tinbidel bil-paragrafu sussegwenti: “L-enfitewta għandu l-obbligu mhux biss li jżomm l-immobbli fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni iżda wkoll li jkollu preżenza effettiva ta’ *warden* fuq l-istess sit.”;

(h) tidħol klawsola 19 bil-kliem sussegwenti: “Il-Gvern jintrabat li permezz tal-Ministeru ta' l-Ambjent jagħmel a spejjeż tiegħu x-xogħlijiet segwenti:

i) *fencing* jew *boundary wall* tal-ġebel jew *enclosure* bis-siġar;
ii) formazzjoni ta’ passaġġi
iii) tħawwil ta’ siġar
iv) *landfill* kemm-il darba jkun neċessarju,
u dana skond pjanti approvati mill-Ministeru ta' l-Ambjent u l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar.”.

Klawsola 18 oriġinali tiġi enumerata bħala klawsola 20.

L-Emenda “B” għaddiet nem.con.